Joseph Gatt

vs

Ryan Zammit ghan-nom tad-ditta Roltek

CCT G7/22/MS

16 ta' Ġunju, 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fit-28 ta' Lulju 2022 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna l-intimat/azjenda intimata jirrifondilu s-somma ta' €980.00, jew jaghtih *air-conditioner* gdid, u dan wara li xtara *airconditioner* minghand l-intimat, liema *airconditioner* kien diffettuz u baqa' diffettuz nonostante diversi tentattivi ta' tiswija min-naha tal-intimat. Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali.

Ra li l-intimat, debitament notifikat bl-avviz tat-talba u tas-smigh, ma deherx.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda tar-rikorrent bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fid-19 ta' Awwissu 2021, ir-rikorrent xtara airconditioner 24,000 BTU minghand l-intimat/ azjenda intimata ghall-prezz ta' €980.00 b'hames snin garanzija. Illi wara s-sajf meta r-rikorrent biddel il-funzjoni tal-aria sabiex ikessah il-kamra, flok arja kiesha beda jitfa arja shuna, umbaghad wara ftit kien jitfa' arja kiesha flok shuna. Illi r-rikorrent ighid li l-intimat ipprova jsewwi l-*airconditioner* diversi drabi u anke ziedlu l-gas f'Novembru 2021 izda l-AC xorta baqa' diffettuz. Peress illi l-intimat ma setax issewwi l-AC, ir-rikorrent qed jitlob li jinghata AC gdid jew inkella ir-rifuzjoni tal-flus li hallas.

Illi peress li l-intimat baqa' ma wegibx ghat-talba ţar-rikorrent u lanqas ma deher meta hekk imsejjah biex jixhed, it-Tribunal m'ghandux versjoni ohra li b'xi mod tikkontrasta dak li qed ighid ir-rikorrent, li huwa verosimili anke in vista tal-fatt illi l-intimat ipprova jsewwi l-AC u imlieh bil-gas, xi xahrejn biss wara l-bejgh, u ghalhekk meta l-AC kien ghadu taht garanzija.

Illi fic-cirkostanzi, u anke peress illi l-intimat qatt ma deher f'dawn il-proceduri, it-Tribunal ihoss illi ikun ahjar illi r-rikorrent jinghata lura dak li huwa hallas, minflok jinghata AC gdid.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna l-intimat/ l-azjenda intimata, in solidum bejniethom, jirrifondilu s-somma ta' disa mija u tmenin euro (980.00). Bi dritt taghhom li jiehdu lura l-airconditioner wara li jsir il-hlas. Bl-ispejjes skond il-ligi.

**Michela Spiteri LL.D.**
**Arbitru**